**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 280/14 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet kienu izzewgu fis-26 ta' Jannar 2001 u dan skont ic-ceritifkat taz-zwieg hawn anness bin-numru progressiv 72/2001 Dok A ;

Illi minn dan ma twieldu ebda tfal ;

Illi illum il-partijiet ilhom de facto separati minn meta izzewgu ;

Illi m'hemmx possibilita ragjonevoli li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet ilhom jghixu hajja separati u indipendenti minn xulxin tul dawn is-snin kollha ;

Illi dawn il-fatti hawn imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

a. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza d-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;
c.

Rat ir-risposta tal-intimat, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi l-fatti kif dedotti fir-rikors ta' l-attrici mhumiex kontestati ghajr illi l-partijiet ilhom separati minn mindu zzewgu izda pero' jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi ilhom separati de facto ghal aktar minn 4 snin;
2. Illi ghalhekk m'hemmx opposizzjoni ghat-talba attrici.;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti ;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Settembru, 2014;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat ;

Rat illi l-partijiet isseparaw legalment fit-22 ta' Lulju 2016 izda ilhom de facto separati minn ma xulxin minn meta zzewgu ;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat l-atti kollha ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Illi r-rikorrenti ppruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment ;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa` t-talbiet, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqu bla taxxa bejn il-partijiet.